# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 320/2016/LSO**

**Mario Cacciattolo maghruf bhala Cacciottolo (KI 0574041M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mario Cacciatolo datat 20 ta' April 2016 fejn espona: -

Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attur gie registrat fl-Atti tat-Twelid numru 5740 tas-sena 1941 (anness u mmarkat bhala Dok. A)

Illi fl-att surriferit jezisti zball fis-sens illi l-kunjom tal-attur, tnizzel bhala **"Cacciattolo"** u mhux bhala **"Cacciottolo"**

Illi missier l-attur kien registrat bhala **Lorenzo Cacciottolo** fl-att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru 5618 tas-sena 1902 (u mmarkat bhala Dok. B)

Illi fic-certifikat taz-zwieg ta' l-attur, datat 26 t'Awwissu 1967, li jgib in-numru 1182, l-attur huwa registrat bhala **Mario Cacciottolo** (anness u mmarkat bhala Dok C)

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' hu l-attur ossia Lorenzo, li jgib in-numru 3886, datat 11 ta' Dicembru 1931, missier l-attur huwa registrat bhala **Trussaints Cacciottolo** (anness u mmarkat bhala Dok D)

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' oht l-attur ossia Gemma, datat 2 Agosto 1930, missier l-attur huwa registrat ukoll bhala **Trussaints Cacciottolo** (u mmarkat bhala Dok E).

Illi fic-certifikat tat-tweilid ta' hu l-attur ossia Anthony, datat 28 September 1945, missier l-attur huwa registrat ukoll bhala **Trussaints Cacciottolo** (anness u mmarkat bhala Dok F).

Illi l-isem ta' l-attur fil-karta ta' l-identita' ta' l-attur enumerat 057404IM, jinqara Mario **Cacciottolo** (anness u mmarkat bhala Dok G).

Illi l-licenzja tas-sewqan ta' l-attur jghajjat ukoll lill-attur bl-isem Mario **Cacciottolo** (anness u mmarkat bhala Dok H).

Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi rettifikat l-izball li sar fl-Att tat-twelid surriferit:

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza

Ghaldaqstant l-esponenti attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex tordnalu jikkoregi l-izball fl-atti tat-twelid numru 5470 tas-sena 1941, fis-sens illi kull fejn jidher l-kunjom **"Cacciattolo"** jigi mhassar u minflok jitnizzel l-kunjom **Cacciottolo.**

BI-ispejjez kontra l-kunvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Gunju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta’ Mejju 2016 (fol 24) fejn Dr Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta’ l-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bħala *'Mario Cacci**a**ttolo'* u mhux *'Mario Cacci**o**ttolo' stante* li l-kunjom '*Cacciottolo*' ma jappartjenix lilu skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni ħamest elef, seba' mija u erbgħin (5740) tas-sena elf, disa' mija, wieħed u erbgħin (1941), anness u mmarkat bħala 'Dok A';

3. Illi għal kull *buon fini*, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, ma hemm ebda kunjom imniżżel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u ħamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid, 'il għaliex dak iż-żmien skont il-liġi Maltija, kien hemm il-preżunzjoni illi l-ulied fiż-żwieġ kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' **Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Illi f'dan il-każ, kif diġa` premess mir-rikorrent stess, kunjom il-missier fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent tniżżel bħala '*Cacciattolo*';

4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jeċċepixxi illi kunjom il-missier tar-rikorrent tniżżel fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent skont ma jirriżulta li ġie ddikjarat

minn omm tar-rikorrent, cioè '*Concetta Cacciattolo*', bħala dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru ta' iskrizzjoni ħamest elef, seba' mija u erbgħin (5740) tas-sena elf, disa' mija, wieħed u erbgħin (1941), anness u mmarkat bħala 'Dok A'. *Stante* li l-Att tat-Twelid qabel ma jgħaddi għar-reġistrazzjoni jiġi mogħti lil min ikun għamel in-notifika tat-twelid sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija korretta u jiffirma l-att. F'dan il-każ, omm ir-rikorrent iffirmat l-att, b'dan li allura jidher illi aċċettat l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrent minn "*Cacci**a**ttolo*" għal "*Cacci**o**ttolo*", *stante* illi l-missier tar-rikorrent kien ġie reġistrat bil-kunjom '*Cacci**o**ttolo*', salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru ta' iskrizzjoni ħamest elef, seba' mija u erbgħin (5740) tas-sena elf, disa' mija, wieħed u erbgħin (1941) u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid u ossia fis-sena 1941, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kienet proprju omm ir-rikorrent, cioè Paul Xerri li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fl-att ta' twelid tar-rikorrent u saħansitra ffirma l-istess att.

6. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2016 (fol 30) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Grazziella Tanti ghar-Direttur Intimat. Deher ir-rikorrenti assistit minn Dr Rachel Tua. Dr Tua ddikjarat li referibbilment ghat-tieni eccezzjoni l-okkju korrett billi l-kunjom jirrifletti l-kunjom fuq il-karta ta' l-identita`. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tal-provi

ulterjuri dokumnetarji u affidavits rimanenti ghat-12 ta' Lulju 2016 fid-9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2016 (fol 35) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Stephanie Borg u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dehret Dr Rachel Tua ghall-attur prezenti. Dr Borg irrilevat li qed tinsisti fuq il-korrezzjoni tal-okkju billi il-kunjom tar-rikorrent skont ic-certifikat tat-twelid tieghu ghandu jigi rifless fl-okkju. Il-Qorti wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex il-kunjom ikun "Cacciattolo maghruf bhala Cacciottolo". Id-difensuri tal-intimati laqghu ir-rikors kif korrett. Dr Tua prezentat nota b'affidavit u iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u irtirat t-talba tal-kap tal-ispejjez, u ghandha tinnotifika lid-difensur tal-intimat fi zmien ghaxart ijiem anke permezz tal-posta eletronika. Dr Stephanie Borg irrimettiet ruhha ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikolu **253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-25 ta' April 2016 (fol 20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba attrici awtorizzata b'digriet tat-12 ta' Lulju 2016, u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-kunjom kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid jigi korrett billi jigi mhassar il-kunjom "Cacciattolo" u minflok jigi sostitwit l-kunjom "Cacciottolo".

Inoltre`, hu r-rikorrent, Lawrence Cacciottolo, xehed b'affidavit fejn ikkonferma bil-gurament li l-irgiel min-naha tal-missier dejjem jafhom bil-kunjom 'Cacciottolo'. Xehdet b'affidavit ukoll, mart ir-rikorrent, Mary Cacciottolo, li kkonfermat bil-gurament li l-qraba maskili tar-ragel taghha kellhom il-kunjom 'Cacciottolo' u fil-fatt, il-kugin ta' missier ir-ragel li zewwighom, jidher imnizzel fuq ic-certifikat taz-zwieg, bhala 'Cacciottolo' u c-certifikat taz-zwieg taghhom hu mnizzel bil-kunjom 'Cacciottolo'.

Ikkonsidrat li mhuwiex ikkontestat dak li r-rikorrent iddikjara fir-rikors promotur, u cjoe`, li missier ir-rikorrent, fic-certifikat tat-twelid tieghu, hu mnizzel bhala "Cacciottolo", (Dok B) (fol 6). Jirrizulta wkoll li l-genituri tar-rikorrent dejjem uzaw il-kunjom "Cacciottolo", kif ukoll kunjom ir-rikorrent hu mnizzel f'att ufficjali taz-zwieg tieghu, bhala

"Cacciottolo" (Dok C) (fol 7). Illi fic-certifikat tat-twelid ta' hutu Gemma u Anthony, esebiti bhala Dok E u F, il-kunjom hu mnizzel bhala "Cacciottolo".

Illi l-istess intimat iddikjara fir-risposta tieghu li fiz-zmien meta gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrent (1941) ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti u l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu joqghodu fuq dak mistqarr mid-dikjarant.

Ghalhekk fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, jirrizulta li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li t-tezi tal-attur li l-kunjom ta' missieru inkiteb "Cacciattolo" bi zball hija verosimili tenut kont taz-zmien meta saret din l-iskrizzjoni.

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talba *stante* c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghall-kap tal-ispejjez, izda ser tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat in kwantu r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza, tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru 5470 tas-sena 1941, ghandu jigi korrett, billi fejn jidher il-kunjom "Cacciattolo", jigi mhassar u minnflok jitnizzel il-kunjom "Cacciottolo".

Konsegwentement, tordna lid-Direttur intimat biex jaghmel il-korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid tar-rikorrent.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**